MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## ANTONIO MIZZI

Seduta tas-7 ta' April, 2015

Appell Kriminali Numru. 417/2013

Il-Pulizija

vs

**Anna Cassar**

bint Mario, imwieleda Zabbar, fl-1 ta' Marzu, 1987, detentrici tal-karta ta' l-identita' numru 147287(M)

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanta Anna Cassar quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli nhar il-25 ta' Gunju, 2013, meta hekk ordnat mill-Qorti jew marbuta bil-kuntratt biex taghti access lil Ivan Zahra ghal uliedkom, irrifjutajt li taghmel hekk minghajr raguni xierqa.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-30 ta' Settembru, 2013 fejn il-Qorti wara li rat l-Artikolu 338(ll) tal-Kodici Kriminali, qed issib lill-imputata Anna Cassar hatja tal-akkuza migjuba kontra taghha, u illiberatha bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehir fi zmien (3) tlett xhur mil-lum skont l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ir-rikors tal-appellanta Anna Cassar tal-4 ta’ Ottubru, 2013 fejn talbet li din il-Qorti joghgobha tirrevoka u tħassar is-sentenza appellata u tilliberaha minn kull imputazzjoni mressqa fil-konfront tagħha u minn kwalsiasi ħtija imputata lilha.
Rat l-aggravji tal-appellanta u cioe':-

L-ewwel Onorabbli Qorti naqset milli tapprezza biżżejjed dak illi jipprovdi d-digriet relattiv referibbli għall-ħinijiet tal-aċċess li għandu Ivan Zahra għal ibnu (iben l-esponenti) fejn dan jagħmilha ċara li l-ħin tal-aċċess favur il-missier jibda’ mill-5.00 pm sas-7.30 pm u mhux bejn il-5.00 pm u s-7.30 pm.

L-ewwel Onorabbli Qorti naqset milli tapprezza biżżejjed il-kondizzjoni ta’ autism li hu afflitt minnha iben l-esponenti u li miżjud mal-fatt li missier il-minuri fuq ammissjoni tiegħu stess wasal tard għall-aċċess, ir-raġuni għalfejn l-esponenti ma għaddietx lil binha minuri lil Ivan Zahra kien proprju stante li l-istess minuri ma riedx imur mal-missier wara li l-esponenti kienet ħaditu għall-aċċess u l-missier ma wasalx fil-ħin.

Id-deċiżjoni mogħtija mill-ewwel Onorabbli Qorti, in vista tan-nuqqasijiet elenkati fl-ewwel żewġ aggravji, ingħatat b’applikazzjoni ħażina tal-liġi u ċioe’ tal-artikolu 338 (ll) tal-Kodiċi Kriminali (Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta), kif ser jiġi spjegat.

Il-fatti.

Illi qabel ma tingħata spjegazzjoni aktar dettaljata fir-rigward tal-aggravji li għadhom kemm issemmew, ser issir referenza qasira għall-fatti li seħħew fil-ġurnata in kwistjoni u ċioe’ nhar il-25 ta’ Ġunju, 2013.

Minn relazzjoni li l-esponenti kellha ma’ Ivan Zahra, kien twieled il-minuri Elijah Zahra fit-22 ta’ Marzu tas-sena 2008 li llum għandu ħames (5) snin.

L-imsemmi minuri Elijah Zahra kien ġie djanjostikat li hu afflitt minn kundizzjoni ta’ autism – fatt li ma ġiex kontradett mill-missier waqt il-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala l-Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali fit-30 ta’ Settembru, 2013.

Riżultat tal-fatt li r-relazzjoni bejn l-esponenti u Ivan Zahra kienet intemmet u riżultat ta' proċeduri ta' medjazzjoni (li effettivament għadhom pendenti), kien ingħata digriet fil-11 ta' Frar, 2011 permezz ta' liema kien ġie regolat l-aċċess li kellu jgawdi Ivan Zahra għall-minuri Elijah.

Illi hekk kif miftiehem bejn il-partijiet, kull meta jkun imiss l-aċċess favur il-missier, l-esponenti tieħu lil binha minuri fejn l-Għassa tan-Naxxar sabiex il-missier (Ivan Zahra) jiġbru minn quddiem l-Għassa.

Illi kif provdut fid-digriet mogħti mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) datat 7 ta' Frar, 2011, dwar il-ħinijet tal-aċċess favur il-missier, hemm imniżżel illi dan għandu jkun favur il-missier kull nhar ta' Tlieta u nhar ta' Ħamis mill-5.00 pm sas-7.30 pm; u nhar ta' Sibt/Ħadd b'mod alternat mid-9.30 am san-12.30 pm.

Illi dak inhar tal-25 ta' Ġunju, 2013, l-esponenti kienet puntwali u marret bil-minuri binha tistenna lil Ivan Zahra quddiem l-Għassa tan-Naxxar.

Wara li l-esponenti stenniet għal xi minuti quddiem l-Għassa, u Ivan Zahra ma deherx, l-esponenti daħlet l-Għassa sabiex tirraporta li l-missier ma kienx mar għall-minuri fil-ħin stipolat skont id-digriet datat 7 ta' Frar, 2011. Hija fil-fatt daħlet sabiex tagħmel dan ir-rapport għall-ħabta tal-17.10 hrs (5.10 pm) kif jirriżulta mill-affidavit ta' PC850.

Peress illi l-esponenti ma kellhiex fuqha kopja tad-digriet relattiv din intalbet sabiex tmur iġġib kopja ta' tali digriet. Fil-frattemp kien ċemplilha Ivan Zahra biex jinfurmaha li huwa kien ġej tard pero' peress li l-esponenti kienet intalbet sabiex tmur iġġib kopja tad-digriet, din marret sabiex iġġib kopja tal-imsemmi digriet u peress li binha l-minuri għandu biss ħames (5) snin u ibagħti minn autism kif diġa' spjegat, din ħaditu magħha għaliex ma kinitx ser tħalli t-tifel waħdu l-Għassa sakemm kien jiġi l-missier.

Illi meta l-esponenti marret bil-minuri magħha, sabiex tiġbor id-digriet mid-dar tal-ġenituri tagħha fejn hija toqgħod, l-istess minuri beda juriha li huwa ma riedx jerġa joħroġ. Peress illi kif spjegat, dan ibagħti mill-kundizzjoni ta' autism, meta dan idaħħal xi ħaġa f'moħħu tkun tassew diffiċli biex jiġi persważ mod ieħor u kien minħabba f'hekk li din sabet ruħha f'sitwazzjoni fejn kellha tmur lura l-Għassa weħidha.

Illi effettivament wieħed għandu jsib illi fl-affidavit ta' PC850 innifsu hemm referenza għall-fatt li kien ġie spjegat li t-tifel ibgħati mill-kondizzjoni ta' Autism u li skont dak li kienet spjegat l-esponenti, din tkun trid tippreparah mentalment minn qabel sabiex tieħdu x'imkien.

Illi għaldaqstant ir-raġuni għalfejn dak inhar tal-25 ta' Ġunju 2013 Ivan Zahra kien spiċċa ma rax lil ibnu kienet għaliex dan kien wasal tard għall-aċċess minkejja li l-esponenti kienet fil-fatt ħadet lil binha quddiem l-Għassa tan-Naxxar puntwalment kif ukoll stante li wara dan kollu, u stante li wara li l-esponenti kienet marret għand id-dar tal-ġenituri tagħha biex tiġbor kopja tad-digriet relattiv, il-minuri, li kien magħha ma riedx jerġa joħroġ.

Għaldaqstant dan ma kienx każ fejn l-esponenti rrifjutat li tagħti aċċess lil Ivan Zahra għal binhom iżda kien każ fejn il-minuri, wara li dan ma ngabarx minn missieru fil-ħin, u ittieħed lura d-dar sabiex l-esponenti ġġib id-digriet kif kienet mitluba mill-Pulizija, irrifjuta li jerġa' joħroġ.

Illi minkejja li dan kollu ġie spjegat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala l-Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fit-30 ta' Settembru, 2013 l-esponenti pero' ġiet misjuba ħatja tal-akkuża mressqa fil-konfront tagħha minkejja li dan kollu hawn fuq elenkat ġie spjegat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati fis-seduta tat-30 ta' Settembru, 2013, u minkejja li kellu jirriżulta b'mod tassew ċar li l-esponenti kellha raġuni valida li wasslet għaċ-ċirkostanza fejn dak inhar tal-25 ta' Ġunju, 2013, Ivan Zahra spiċċa ma rax lill-minuri iben l-esponenti appellanta.

Osservazzjonijiet rigward l-aggravji.

Illi fl-umli opinjoni tal-esponenti kellu jirriżulta tassew ċar illi effettivament, ma kinitx hi li rrifjutat li tagħti aċċess lil Ivan Żahra għall-minuri iżda kien il-minuri nnifsu li rrifjuta (anki in vista tal-kundizzjoni ta' Autism tiegħu) li jerġa' joħroġ sabiex jara lil missieru. Dan hu eżattament dak li jissemma' fit-tieni aggravju tal-esponenti liema ċirkostanza umilment jinħass li ma ngħatatx il-piż li kellha tingħata mill-ewwel Qorti.

Illi miżjud ma’ dan il-punt, u kif spjegat permezz tal-ewwel aggravju, effettivament id-digriet imsemmi li jipprovdi fost affarijiet oħra, il-ħinijiet preċiżi li għandhom jiġu eżerċitati għall-aċċess, jagħmilha ċara li l-aċċess li għandu jiġi eżerċitat mill-missier fil-jiem tat-Tlieta u tal-Ħamis għandhom ikunu mill-5.00 pm sas-7.30 pm u mhux bejn il-5.00 pm u s-7.30 pm u dan għall-kuntrarju ta’ dak imsemmi fl-affidavit ta’ PC850 fejn fl-ewwel paġna tal-affidavit ssir referenza għall-kelma ‘bejn’ minflok ‘mill-’.

Illi fix-xhieda mogħtija mill-esponenti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, din spjegat ukoll li l-anqas ma kien minnu li hija kienet stqarret li ma kienx jimpurtaha meta ġiet infurmata li kienu ser jittieħdu passi kontriha jekk ma kinitx ser tagħti l-aċċess tal-minuri lil Ivan Zahra.

L-esponenti spjegat li r-raġunijiet li wasslu għaċ-ċirkostanzi li ġabuha f’sitwazzjoni fejn hija ma setgħetx tgħaddi lill-minuri għall-aċċess kienu dovuti għall-fatt li l-istess minuri li beda jirrifjuta.

Illi għandu wkoll jiġi kkonsidrat li wara kollox, l-intenzjoni li l-esponenti tgħaddi lill-minuri lil Ivan Zahra għall-aċċess kienet waħda ċara stante li hija stess kienet effettivament kienet ħadet lill-istess minuri quddiem l-Għassa tant li kienet hi stess li daħlet l-Għassa biex tagħmel rapport f’dak is-sens.

Minkejja dan kollu, hija spiċċat rinfaċċjata bl-akkuża kontra tagħha meta effettivament kien il-missier li kien spiċċa mar tard għall-aċċess (!).

Illi irrispettivament mill-fatt jekk il-missier kellux jew le, raġuni valida għalfejn dan kien wasal tard għall-aċċess, il-fatt xorta waħda jibqa’ li l-esponenti kellha tiġi konsidrata li ma kellha l-ebda tort għall-fatt li l-minuri eventwalment irrifjuta li jmur għall-aċċess. Ta’ min isemmi wkoll li din ma hijiex ċirkostanza sempliċi fejn minuri ma riedx imur għall-aċċess b’kapriċċ iżda hemm raġuni medika, biex jingħad hekk, dovuta għall-autism tal-minuri li wasslet għaċ-ċirkostanza li dan ma riedx jerġa joħroġ biex jara lil missieru.

Illi dan kollu għandu jwassal għall-konsiderazzjoni li t-tielet aggravju tal-esponenti huwa tassew ġusitifkat stante li minn qari tal-artikolu tal-liġi relevanti, wieħed għandu jsib li dan jipprovdi, li r-rifjut li minuri jingħata għall-aċċess irid ikun ġej mill-imputat/a u li fi kwalunkwe każ ir-rifjut irid ikun sar mingħajr raġuni xierqa.

Illi fil-fatt l-artikolu 338 (ll) tal-Kodiċi Kriminali (Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta) jipprovdi s-segwenti:

“338. Huwa ħati ta’ kontravvenzjoni kontra l-ordni pubbliku, kull min –

(ll) meta ordnat jew ordnata mill-qorti jew kif marbut jew marbuta bil-kuntratt biex jagħti jew tagħti aċċess lil wild taħt il-kustodja tiegħu jew tagħha, jirrifjuta jew tirrifjuta li jagħmel jew tagħmel hekk mingħajr raġuni xierqa;” (enfasi miżjuda)

Fiċ-ċirkostanza tal-każ odjern kellu u għandu jiġi kkonsidrat li kien hemm raġuni xierqa għalfejn il-missier spiċċa ma ingħatax aċċess liema fatt kien independenti mill-volonta’ tal-esponenti.

Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, anki li kieku stess kellu jiġi kkonsidrat li l-esponenti, bħala omm il-minuri, kellha obbligu li tagħti l-aċċess lil Ivan Zahra għall-minuri, xorta waħda għandu jitqies, għar-raġunijiet spjegati li kien hemm raġuni valida għal tali rifjut, kemm għaliex il-minuri binha kien qed jirrifjuta li jerġa’ joħroġ mid-dar (u stante l-kundizzjoni tiegħu ta’ Autism, ikun tassew diffiċli li tikkonvinċi lill-minuri mod ieħor meta dan jiddeċiedi mod), kif ukoll stante li wara kollox, il-missier kien mar tard u ma kienx laħaq wasal sal-ħin li l-esponenti kienet għadha l-Għassa qabel ma marret sabiex iġġib kopja tad-digriet li jistipola l-ħinijiet tal-aċċess.

Illi jerġa’ jiġi mtenni li dan kollu jrid jitqies fil-kuntest tal-kundizzjoni medika partikolari tal-minuri fejn il-kundizzjoni ta’ autism tagħmilha tassew diffiċli li tbiddel kwalsiasi deċiżoni jew persważjoni li jkollu l-minuri.

Illi dan mhux sempliċement każ ta’ tifel li ma riedx imur għand il-missier b’kapriċċ jew għax ma kellux aptit, jew każ fejn l-omm irrifjutat li tagħti aċċess lill-missier għall-minuri b’kapriċċ, iżda każ fejn stante l-kundizzjoni tal-minuri, meta dan jiddeċiedi mod, ikun tassew diffiċli li tbiddillu fehmtu. Dan għaliex l-element ta’ rutina hu element li jkollu ċertu importanza fil-ħajja ta’ persuna li tkun tbagħti b’tali kundizzjoni ta’ autism. Kien possibilment dan il-fatt, li ġiet disturbata r-rutina li hu mdorri biha l-minuri (meta l-missier ma wasalx fil-ħin u meta l-esponenti kellha tmur lura d-dar biex tiġbor kopja tad-digriet) li

wasslet lill-minuri sabiex imbagħad jirrifjuta li jerġa' joħroġ. Fl-umli fehma tal-esponenti, dan kien punt ieħor li l-ewwel Qorti naqset milli tapprezza u/jew naqset milli tieħu in konsiderazzjoni meta ġiet biex tikkonsidra l-applikazzjoni o meno tal-artikolu 338 (ll) tal-Kodiċi Kriminali (Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta) kemm għaliex kellu jirriżulta li r-rifjut ma kienx riżultat ta' deċiżjoni meħuda mill-esponenti u li fi kwalunkwe każ, mingħajr preġudizzju għal tali punt, l-anqas ma kien il-każ li kien hemm rifjut mingħajr raġuni tajba.

Illi minn sempliċi riċerka żgħira li wieħed ikun jista' jagħmel dwar l-importanza li persuna li tkun tbagħti minn autism ikollha rutina, wieħed malajr isib bosta referenzi għal tali bżonn. Fost oħrajn issir referenza għas-segwenti li wieħed isib minn sit elettroniku:

"Anyone who loves someone with autism knows that routine, rituals, schedules, and sameness are extremely important to the autistic individual. The slightest change in something we may believe to be minor can cause major meltdowns that can last for days." 1

U li

"For the autistic individual, though, routine is more than a need, it is a requirement!"2

F'artikolu minn sit elettroniku ieħor wieħed jaqra is-segwenti:
*"Many people with an ASD have a strong preference for routines and sameness. Routines often serve an important function - they introduce order, structure and predictability and help to manage anxiety. Because of this, it can be very distressing if a person's routine is disrupted.*
*Sometimes minor changes such as moving between two activities can be distressing; for others big events like holidays, birthdays or Christmas, which create change and upheaval, can cause anxiety. Unexpected changes are often most difficult to deal with."* (enfasi miżjuda)

F'sit elettroniku ieħor wieħed jaqra wkoll illi:

[1] http://www.examiner.com/article/autism-routine-is-more-than-a-need

[2] http://www.examiner.com/article/autism-routine-is-more-than-a-need

*"A person with autism likes predictability. Routine is his/her best friend. Going through the motions again and again is very much part of his/her life."*

U li:

*"… Some people believe that helping a child with autism learn how to cope better with change is a good thing, however, forcing them to accept change like others do could adversely affect their quality of life."*

Illi l-esponenti umilment tħoss illi l-ewwel Qorti naqset milli tapprezza x'inhuma l-effetti li kondizzjoni ta' autism twassal għalihom. B'dan li qed jiġi spjegat permezz ta' dan l-appell, għandu pero' jirriżulta li hemm biżżejjed raġunijiet li għandhom iwasslu għall-konklużjoni li l-konsiderazzjoni tal-fatti magħmula mill-Ewwel Qorti kif ukoll l-interpretazzjoni u applikazzjoni tal-liġi relevanti għandhom ikunu varjati b'mod li l-esponenti tiġi liberata mill-akkuża mressqa fil-konfront tagħha.

Konsiderazzjoni ulterjuri.
F'dan l-istadju jiġi wkoll rilevat illi miżjud mal-fatt li fl-ewwel paġna tal-affidavit ta' PC850 issir referenza għall-kelma 'bejn' minflok 'mill-' fir-rigward tal-ħinijiet ta' matul il-ġimgħa minn meta l-missier għandu jeżerċita' l-aċċess għall-minuri, liema fatt għandu juri biċ-ċar li l-obbligu tal-missier kien li jiġbor lill-minuri mill-5.00pm u mhux bejn wieħed u ieħor għoxrin minuta wara (kif jirriżulta mill-istess affidavit), issir ukoll referenza għall-fatt li d-dettalji dwar l-esponenti kif imniżżlin fl-istess affidavit u ċioe' l-post fejn din twieled, id-data tat-twelid tagħha u l-indirizz tar-residenza tagħha m'humiex korretti u huma fil-fatt differenti mill-istess dettalji kif imniżżlin fit-taħrika.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li iben l-appellanta u Ivan Zahra huwa tifel li jbaghti mill-kondizzjoni maghrufa bhala 'autism'. Din hi kondizzjoni fejn il-pazjent ghandu jkollu l-hin kollu certizzi biex ikun jista' jghix b'certa trankwillita'. Ohorgu minn din ir-rutina u it-tifel jibda jkollu problemi serji ta' komportament.

Illi skont id-digriet tal-Qorti tal-Familja l-missier ghandu access ghat-tifel darbtejn fil-gimgha mill-5.00 p.m. sas-7.30 p.m.

Dak in-nhar tal-incident l-appellanta kienet qed tistenna lil missier it-tifel fil-hin miftiehem izda hu ma tfaccax. Lanqas ghaddew ghaxar minuti li l-appellanta dahlet l-ghassa u hemmhekk ghamlet rapport. Jirrizulta li l-pulizija ried jara d-digriet u ghalhekk hi kellha tmur id-dar ghal dan l-iskop. Naturalment, hadet maghha lit-tifel.

Ftit wara dahal il-missier l-ghassa u ried jara t-tifel. L-appellanta qalet li kienet ser tipprova terga ttella t-tifel izda skont hi t-tifel ma riedtx.

Jirrizulta wkoll li l-missier ma cempilx lill-appellanta biex jinfurmaha li kien ser ikun tard ghall-appuntament.

Illi jirrizulta ampjament li l-appellanta fl-ebda hin ma riedet iccahhad lil missier milli jara t-tifel izda billi t-tifel ibaghti minn dik il-kondizzjoni ma kienx possibbli ghaliha li terga tohorgu mid-dar.

Illi r-raguni li hi adducciet hi iktar minn wahda valida.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet tirrevoka u thassar is-sentenza appellata u ghalhekk tehlisha minn kull htija u piena.

# < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------